

# TEMPUS FUGIT

Ġanni Camilleri

*Tempus Fugit,** kienu jiktbu
Fuq kwadrant t'arloġġ antik
Biex ifakkar li ż-żmien jgħaddi,
B'ħeffa jtir, jispiċċa għalik.

U t-taħbit tal-pendlu jfakkar
Fit-taħbit meqjus tal-qalb
Li sakemm din tibqa' tħabbat,
Dejjem jibqa' ħin għat-talb.

Għax ħajjitna trid tkun talba
Lill-Missier, Sid ta' kulħadd
Li ħalaqna għax iħobbna
U li bħalu żgur m'hawn ħadd.

Għax kun af, li x-xogħol hu talba
Jekk nagħmluh bil-qies, fil-ħin.
Jagħti ġieħ lill-ħajja tagħna.
U bix-xogħol ngħinu 'l xulxin.

*Tempus Fugit,* il-ħin jaħrab.
Dnub jekk aħna dan naħluh!
Dak li għandu jsir, fis nagħmlu.
U d-dejn qisu li nħallsuh!

U jekk aħna 'l bogħod minn Alla,
Għax għamilna ħbieb mad-dnub,
Ma nħallux żmien aktar jgħaddi!
Għax fil-qrar jistrieħu l-qlub.

Salm 90 (89) v3 – 11.

Int traġġa' l-bniedem lejn it-trab
U tgħidilhom, "Erġgħu lura, intom bnedmin!"

Elf sena huma għalik bħal jum ta' lbieraħ li
Għadda, jew bħal sahra tal-lejl.
Int taħsadhom u jsiru ħolma.

Huwa bħal ħaxix li jinbet filgħodu,
Filgħodu jwarrad u jħaddar,
Filgħaxija jitbiel u jinxef.....

Għalhekk, għallimna ngħoddu jiem ħajjitna,
Sabiex aħna nimxu bil-għaqal.

***Anulus Persius Flaccus (34-62)** kien poeta
satiriku Ruman u moralista.
F'satirika li kiteb (Sat. V, v151) kiteb hekk –
*"Nostrum est quod vivis, cinis et manes et
fabula fies. Vive memor leti."*
Bil-Malti - "Ħajjitna hi tagħna llum, l-għada
tista' tkun trab, ombra jew ħrafa li ntqalet. Għix
mela, iżda ftakar fil-mewt – iż-żmien itir!"

